REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 28 ta' 2025, miżmuma nhar il-Ġimgħa, 05 ta' Diċembru 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Naxxar.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Joseph Gatt | Mosta | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 27
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Performance Bonus – Impjegati klerikali Reġjun Tramuntana
   - 5.2 Performance Bonus – Segretarju Eżekuttiv Reġjun Tramuntana
   - 5.3 Tiġdid tal-Leave
   - 5.4 Punti oħra ta' diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-17:30 ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President informa li s-Sindki Dr Angelo Micallef u Stefan Cordina huma skużati, filwaqt li s-Sindku Dale Hayman huwa assenti mill-laqgħa.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.27**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 27 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

**27/3.2** – Is-Sindku Perit Censu Galea staqsa jekk sarx xi aġġornament rigward il-Ftehim dwar Ħlasijiet Bin-Nifs mill-Kunsilli Lokali lejn ir-Regjun. Is-Segretarju informa li l-ftehim intbagħat lill-Kunsill Lokali ta' Attard, iżda s'issa ma waslet l-ebda risposta.

**27/3.3** – Is-Sindku Perit Censu Galea staqsa għal aġġornament dwar il-*Proġett Mużikali Kollaborattiv* mar-Regjun Tramuntana b'risq Puttinu Cares. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jsiru aktar pressjonijiet sabiex jinġabru l-fondi li kienu ngħataw, sabiex jingħataw direttament lill Puttinu Cares.

**27/3.6** – Kien hemm diskussjoni rigward l-inizjattiva "Minn Malta sal-Indja: Mixja ta' 12,000km għall-Għarfien dwar il-Klima." Wara li ġew mitluba d-dettalji meħtieġa, ittieħdet id-deċiżjoni li r-Regjun mhuwiex se jappoġġja din l-inizjattiva minħabba informazzjoni inkonsistenti.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Norbert Dalli, issekondat mis-sindku Dot. Christopher Deguara, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Cir AKL 2025/069 - Stedina għal Workshop Informazzjoni Konsulari - L-Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Turiżmu.**

Il-President informa li r-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin li Jgħixu Barra fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu, li qed jistieden lill-Kunsilli Lokali u Għaqdiet Lokali biex juru interess f’Workshops Konsulari għall-2026–2027. Dawn il-Workshops interattivi (60–90 minuta) se jkopru suġġetti relatati mal-ivvjaġġar, kriżijiet konsulari, cybercrime, kif ukoll drittijiet u dmirijiet f’relazzjonijiet ma’ ċittadini barranin. Min hu interessat għandu jikkuntattja lil Dr. Antoinette Cutajar permezz ta’ imejl jew telefon sabiex jiġu maqbula l-loġistika u l-iskeda.

**3.2 Kunsill Lokali Gzira – 10% LESA Admin Fees, 2014 – 2018**

Il-President informa li r-Reġjun irċieva kont ta’ €765.64 mingħand il-Kunsill Lokali tal-Gżira. Din is-somma tirrappreżenta 10% bħala tariffi ta’ amministrazzjoni li kienu dovuti għall-perjodu 2014–2018 iżda qatt ma tħallsu lill-Kunsill Lokali tal-Gżira.

Saret verifika mal-accountant, iżda ġie informat li matul dawk is-snin hi ma kinitx responsabbli mill-kotba tar-reġjun. Għaldaqstant, ma setgħetx issir verifika dettaljata minħabba li dawn il-ħlasijiet ilhom dovuti għal bosta snin.

Qiegħed jiġi propost li dawn il-ħlasijiet isiru.

Kien hemm qbil li dan isir

**3.3 Aġġornament – Nasses tal-ġrieden (Rodent Traps)**

Ir-Reġjun ħareġ talba għal kwotazzjonijiet għal 200 nassa tal-grieden, li huma maħsuba biex jitqiegħdu madwar il-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

**3.4 Ċertifikazzjoni ta' Dokumenti ta' Identità – APS Bank**

Sfortunatament, il-kopji ċċertifikati tal-karti tal-identità ma ġewx aċċettati mill-APS Bank minħabba li kienu f'kopja black and white. Għalhekk, fil-laqgħa li jmiss f'Jannar ser nerġgħu nitolbukom iġġibu l-karta tal-identità magħkom sabiex nieħdu r-ritratti u l-iscans meħtieġa.

**3.5 Aġġornament - Clean Up - fl-inħawi tal-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa**

Il-President informa li nhar is-Sibt, 10 ta' Jannar, fid-10:00 ta' filgħodu, wara approvazzjoni f'waħda mill-laqgħat preċedenti (laqgħa 26 punt 3.7), ser issir clean-up fl-inħawi tal- parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa, magħruf ukoll bħala l-parkeġġ tar-Riviera Martinique. Intalbet l-għajnuna tad-Divisioni tat-Tindif u Manutenzjoni sabiex jintrema l-iskart li jinġabar, u kkonfermaw ukoll li ser jipprovdu l-mascot Xummiemu waqt dan l-avveniment.

**3.6 Aġġornament - APS Community Outreach - Scam Awareness Talk**

Il-President informa li r-Reġjun qiegħed jipprovdi l-għajnuna loġistika sabiex isiru talks mill-impjegati tal-APS Bank f'kull Ċentru ta' Attività għall-Anzjani fir-Reġjun. Dawn it-talks ser isiru bejn Diċembru u Jannar.

Ser issir ukoll sessjoni waħda apposta għall-membri eletti kif ukoll għall-istaff tal-Kunsilli Lokali li jkunu interessati jattendu. Din se ssir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, fit-3:00 ta' wara nofsinhar fl-uffiċju amministrattiv tar-Reġjun. Ser tintbagħat stedina għall-reġistrazzjoni ukoll.

Il-membri ġew imħeġġa jattendu.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Gabriel Micallef staqsa għal aġġornament dwar il-kameras ta' sorveljanza (CCTVs). Is-Segretarju Eżekuttiv informa, għal darb'oħra, li għadu qed jistenna inventarju dettaljat tal-kameras ta' kull lokalità, inkluż jekk humiex qed jaħdmu, jekk humiex monija b'SIM card, kif ukoll l-ispejjeż marbuta magħhom ta' kull xahar.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Performance Bonus – Impjegati klerikali Reġjun Tramuntana**

Il-President ppreżenta u ddiskuta flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-membri preżenti l-persentaġġi tal-performance bonuses tal-impjegati

tar-Reġjun. Wara d-diskussjoni, ittieħdet deċiżjoni unanima li l-bonus ta’ kull impjegat jiġi approvat skont id-dokumenti ppreżentati.

**5.2 Performance Bonus – Segretarju Eżekuttiv Reġjun Tramuntana**

Wara diskussjoni bejn il-President u l-membri preżenti, kien hemm qbil unanimu li l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat skont id-dokumentazzjoni ppreżentata.

**5.3 Tġdid tal-Leave**

Il-President informa li tlett impjegati tar-Reġjun Tramuntana talbu li jiġġedded il-leave tagħhom għas-sena 2026. Wara diskussjoni, fuq proponiment tal-President issekondata mis-Sindku Dot. Christopher Deguara dawn it-talbiet ġew approvati unanimament.

**5.4 Punti oħra ta’ diskussjoni**

Ma kien hemm l-ebda punt ulterjuri ta’ diskussjoni

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 195 għall-perjodu bejn l-20 ta’ Novembru 2025u l- 5 ta’ Diċembru 2025.

L-iskeda msemmija ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Gabriel Micallef, issekondata mis-Sindku Dot. Christopher Deguara, u l-membri qablu unanimement.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-18.30 ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 14 ta’ Jannar 2026

fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Erbgħa 14 ta’ Jannar 2026